MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 557/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**John Mary u martu Gaetana Farrugia**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is- socjeta attrici ppremettiet:

Illi l- konvenuti huma debituri tas- socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm1019.42 (elf u dsatax –il lira u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' kiri tas-servizzi telefoniku u ghal telefonati ghall-

post St Anthony Flats, Sqaq il- Kubrit, Hamrun bin- numru tat- telefon 230803;

Illi dan id- debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur nomine qieghed jipprezenta ma’ din ic- citazzjoni affidavit guramentat skond artiklu 167(1) tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta’ Malta ( Dok A );

Illi, avolja interpellati biex ihallsu dan l- ammont, il-konvenuti baqghaw inadempjenti u ma hallsu xejn;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandiex din il- Qorti, ghar-ragunijiet premessi: -

1. tiddecidi l- kawza skond it- talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundana lill- konvenuti ihallsu lis- socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1019.42 rappresentanti ammont dovut bhala hlas ta’ kiri tas-servizz telefoniku u ghal telefonati relattivament ghall-post St Anthony Flats, Sqaq il- Kubrit, Hamrun bin-numru tat- telefon 230803;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru 1997 u bl- interessi legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.:

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

Illi l- eccipjenti m’ghandhom jaghtu ebda ammont lis-socjeta’ attrici in kwantu huma ma ghamlu l-ebda uzu mis-servizz indikat fiz-zminijiet indikati;

Illi fil-fatt l- eccipjenti lanqas biss kienu jabitaw fil-fond in kwistjoni fil- perjodu li ghalihom qed jintalab il-hlas relattiv u dwar dan is- socjeta' attrici, dik iz- zmien il-Korporazzjoni Telemalta, giet infurmata fit-13 ta' Dicembru 1994 meta l-eccipjenti John Mary Farrugia mar huwa personalment fl- ufficju ta' l-istess Korporazzjoni gewwa l-Marsa u talabhom iwaqqfu l- istess servizz stante li huwa ma kienx ser jibqa' jabita fl- istess fond;

Rat id-dikjazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata b il-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Semghet lill-konvenut u lix-xhieda prodotti mill-konvenuti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' Lm1019.42 (elf u dsatax–il lira u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' kiri tas-servizzi telefoniku u ghal telefonati ghall-post St Anthony Flats, Sqaq il- Kubrit, Hamrun bin-numru tat- telefon 230803. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kundannat jhallsu l-imsemmi ammont;

Da parti taghhom il-konvenuti jeccepixxu li m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici stante li ma ghamlu ebda uzu mis-servizz in kwestjoni fiz-zminijiet indikati. Jeccepixxu inoltre li ma kienux jabitaw fil-fond in kwistjoni fil-perjodu rilevanti u din l-informazzjoni kienet inghatat lis-socjeta

attrici meta l-konvenut kien talab li jitwaqqaf dan is-servizz;

Mill-provi prodoti u mir-rizultanzi t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenuti. Ma jirrizultax li l-konvenuti nformaw bil-miktub lis-socjeta attrici li huma ma riedux aktar il-linja. Ghalhekk jirrizulta li ghas-socjeta attrici il-kont in kwistjoni baqa dejjem jghajjat lill-konvenuti. Minn naha tieghu l-konvenut ikkonferma li huwa kien joqod fil-fond in kwestjoni pero' dam biss jabita fih ghal tmien xhur sa nofs l-l994. Huwa kkonferma li kien avza is-socjeta attrici li huwa ma kienx ghadu jabita fl-istess fond. Il-konvenut, pero', ammetta li tali informazzjoni ma ghamilix bil-miktub;

Mill-applikazzjoni relattiva (Dok C) jirrizulta li l-konvenut kien applika ghall-installazzjoni tal-linja tat-telefon in kwestjoni fil-fond in kwestjoni. Jidher ghalhekk li l-konvenuti huma l-utenti registrati ghar-rigward tal-linja in kwestjoni u baqghu hekk registrati u konsegwentement baqghu responsabbli ghall-hlas tas-servizz in kwestjoni;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundana lill- konvenuti ihallsu lis- socjeta' attrici s-somma ta' elf u dsatax il-lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm1019.42) rappresentanti ammont dovut bhala hlas ta' kiri tas-servizz telefoniku u ghal telefonati relattivament ghall-post St Anthony Flats, Sqaq il- Kubrit, Hamrun bin-numru tat- telefon 230803 ghal periodu indikat fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------